MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 906/2013

**L-Avukat Dottor Nicholas Valenzia**
**bhala mandatarju specjali tal-bank esteru**
**Amsterdam Trade Bank N.V.,**
**bank esteru registrat f'Amsterdam, l-Olanda**

**vs**

**MT Pacific Future IMO Numru 9177637,**
**registrat Belize bin-numru ufficjali 070730103,**
**tunnellagg gross 18,597, tunnellagg nett 3722,**
**b'tul ta' 181 metru.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent nomine tal-20 ta’ Settembru 2013 li jghid hekk:

Illi permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-27 ta' Gunju 2013 fl-ismijiet Paul Falzon nomine v. Il-Bastiment Pacific Future (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A), il-Bastiment intimat gie kkundannat ihallas lill-ekwipagg s-somma ta' tlett mija tlieta u hamsin elf, seba' mija u erbghin euro u tlieta u erbghin centezmu (€353,740.43), inkwantu ghal salarji u rimpatrijazzjoni.

Illi din is-somma tikkonsisti fit-total ta' erba' mija u hamsin elf, sitt mija u hamsa u disghin dollaru Amerikan u tlieta u erbghin centezmu ($450,695.43) ekwivalenti ghal tlett mija hamsa u erbghin elf, disa' mija u tmenin euro u ghoxrin centezmu (€345,980.20) ghal salarji dovuti lill-ekwipagg, flimkien ma' sebat elef seba' mija u sittin euro (€7,760) ghal spejjez biex l-atturi jigu ripatrijati.

Illi sussegwentement, fit-12 ta' Lulju 2013, il-Bank rikorrenti dahal f'Deed of Subrogation (hawn anness u mmarkat bhala Dok. B) ma' Paul Falzon bhala mandatarju specjali tal-ekwipagg abbord il-bastiment intimat, fejn id-drittijiet ta' dan l-ekwipagg fosthom il-hlas ta' pagi, salarji u spejjez ghar-ripatrijazzjoni gew surrogati lill-Bank rikorrent.

Illi kontestwalment mad-Deed of Subrogation il-Bank hallas lil Paul Falzon nomine l-ammont ta' erba' mija tnejn u hamsin elf, u tmienja u sebghin dollaru Amerikan u disgha u tletin centezmu ($452,078.39) bhala pagi u salarji bl-interessi, flimkien ma' dsatax-il elf u hamsa u ghoxrin euro u erbgha u erbghin centezmu (€19,025.44) ghar-ripatrijazzoni tal-ekwipagg u drittijiet skond it-taxxa tal-Qorti (hekk kif spjegata fol. 3 ta' Dok. B) u dan ai termini tal-annessi transfers (immarkati bhala Dok. C u Dok. D).

Illi bhala rizultat ta' dan il-hlas, il-Bank intimat jinsab surrogat fid-drittijiet kollha tal-ekwipagg naxxenti mis-sentenza surrifferita kontra l-bastiment intimat, lill-Bank rikorrenti.

Illi fic-cirkostanzi l-Bank rikorrent ghandu interess li jenforza t-titolu ezekuttiv li ottjena billi jipprocedi ghall-

bejgh tal-bastiment intimat, liema bejgh jkun approvat minn dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikoli 358 et seq. tal-Kap. 12 (Taqsima I, Titolu VII Sub-titolu V - "Fuq il-Bejgh approvat mill-Qorti ghall-vapuri, bastimenti u ingenji tal-ajru").

Illi skond l-artikolu 358 tal-Kap. 12, dina l-Qorti ghandha s-setgha, fuq talba ta' kreditur li ghandu titolu ezekuttiv, tapprova l-bejgh privat ta' bastiment favur xerrej identifikat u versu l-hlas ta' prezz determinat.

Illi a tenur tal-artikolu 359, il-Bank qed jannetti ma' dan ir-rikors zewg stimi kif rikjesti mill-ligi, wahda maghmula mis-socjeta C. W. Kellock & Co. Ltd li taghti l-istima ta' erbgha miljuni hames mitt elf dollaru Amerikan ($4,500,000) (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. E), u l-ohra maghmula mis-socjeta RG Hagland Shipbrokers li taghti stima tal-bastiment intimat fis-somma ta' bejn erbgha miljuni hames mitt elf dollaru Amerikan ($4,500,000) u hames miljuni dollaru Amerikan ($5,000,000) (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. F).

Illi l-Bank esponent ghandu offerta ghall-akwist tal-imsemrni bastiment intimat minghand s-socjeta estera MFH, rapprezentata mill-mandatarju specjali taghha l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino, versu l-prezz ta' erbgha miljuni hames mija u hamsin elf dollaru Amerikan ($4,550,000) kif jirizulta mill-Memorandum of Agreement datat 17 ta' Settembru 2013 li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. G.

Illi l-offerta inkwistjoni taqa’ sew u vicin il-parametri tal-istimi prodotti.

Illi ai termini tal-artikolu 360 tal-Kap. 12, dan ir-rikors qed jigi notifikat ukoll lid-debitur u lir-Registratur tal-Bastimenti oltre l-kredituri li avvanzaw proceduri fil-konfront tal-bastiment intimat u li jistghu jkollhom interess f’dawn il-proceduri.

Ghalhekk il-Bank rikorrent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tapprova l-bejgh privat tal-bastiment intimat "MT Pacific Future" a favur tas-socjeta estera MFH u dan versu l-prezz ta' erbgha miljuni hames mija u hamsin elf dollaru Amerikan ($4,550,000) ekwivalenti ghal tlett miljuni, erba' mija u sebat elef u seba' mija u disgha u ghoxrin euro u tmintax-il centezmu (€3,407,729.18), u taht il-pattijiet u kundizzjonijiet tal-Memorandum of Agreement datat 17 ta' Settembru 2013 u/jew taht kwalunkwe patt u kundizzjoni ohra li jidhrilha xierqa din l-Onorabbli Qorti u dan a tenur tal-artikolu 358 tal-Kap. 12;

2. Tahtar, a tenur tal-artikolu 362 tal-Kap. 12, lill-Avukat Dottor Kris Borg jew fin-nuqqas tahtar persuna ohra li tkun awtorizzata titrasferixxi l-bastiment intimat skond l-imsemmija pattijiet u kundizzjonijiet tal-Memorandum of Agreement datat 17 ta' Settembru 2013 u/jew taht kull patt u kundizzjoni opportuna li jidhrilha xierqa dina l-Qorti, bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulat fil-ligi inkluz l-artikolu 364 tal-Kap. 12; u

3. Taghti kull provvediment iehor opportun skond ic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-risposta tal-bastiment MT Pacific Future li jghid hekk:

1. IlIi hija topponi b'mod ferm u assolut kemm il-bejgh privat tal-bastiment m.t. Pacific Future kif ukoll il-prezz li qed jigi offrut mis-socjeta' MFH stante primarjament illi l-prezz li qed jigi offrut ma jirriflettix il-valur tal-bastiment fis-suq u lanqas ma jirrifletti l-istima tal-istess bastiment mahruqa minn socjetajiet internazzjonali specjalisti f'dan il-qasam u sahansitra accettati mill-kontroparti. Id-differenza bejn il-valur veru tal-bastiment u l-prezz li qed jigi offrut (dokumenti in sostenn ta' dan ser jigu prezentati seduta stante) huwa konsiderevoli tant li kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talba tal-bank rikorrent, dan ikun ta' pregudizzju u dannu ghas-sidien tal-istess bastiment kif ukoll ghall-kredituri l-ohra. Di piu wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni illi l-prezz offrut jinkludi l-prezz tal-bunkers li jinsabu abbord il-bastiment u li jiswew

madwar mitejn u ghoxrin elf dollaru Amerikan (USD220,000).

2. Illi wkoll dan il-kaz mhuwiex kaz normali fejn bank qieghed jezercita d-drittijiet tieqhu minhabba nuqqas ta' pagamenti minn naha tas-sidien tal-bastiment imma huwa kaz fejn l-istess bank gab lis-sidien tal-bastiment b'mod abbuziv u illegali fil-posizzjoni li ma jistghux ihallsuh.

F'dan l-isfond l-esponenti titlob umilment li jigi anness fl-atti tar-Rikors odjern il-process tas-Subbasta Numru14/2013. Din l-Onorabbli Qorti, diversament presjeduta, diga kellha l-okkazzjoni tifli u tqis l-atteggjament tal-bank rikorrent fil-konfront tas-sidien tal-bastiment m.t. Pacific Future. Fil-fatt bid-digriet taghha tal-11 ta' Gunju 2013 (kopja annessa u markata Dok. T1), din l-Onorabbli Qorti ordnat "it-twaqqif tas-subbasta odjerna minhabba impediment legittimu u dana sakemm jigu finalizzati l-proceduri Rikors Nru. 522/2013 fl-ismijiet "Machiko Carrier Inc. vs. Avukat Dr. Nicholas Valenzia " quddiem iI-Qorti kif diversament preseduta". Kopja tar-Rikors Guramentat Nru. 522/2013 huwa hawn anness u markat Dok. T2.

Fil-pagni 12 u 13 taI-istess digriet, din l-Onorabbli Qorti stabbiliet illi:

"Jirrizulta illi Machiko Carrier Inc. kienet f'diffikulta' finanzjarja u ghalhekk hija bieghet il-vapuri M.V. African Lark, l-M.V. Etna u l-M.V. Elbrus u l-bank alloka l-fondi zejda ghal "balloon payment (which) would only become due in January 2015". Dawn l-excess funds kienu:

M.V. African Lark excess funds …………………….. 77,724 USD
M.V. Etna excess funds …………………..….. 1,900,000 USD.

lIli di piu l-vapur M.V. Everest giet mibjugha f'Ottubru 2012 u l-bank Amsterdam Trade irceva r-rikavat f'zewg pagamenti datati:

1. 24 t'Ottubru, 2012 fejn ircieva ……………..….. 619,595.60 USO (ara Dok. TG1);
2. u 7 ta' Dicembru, 2012 fejn ircieva 2,292,503 USO (ara Dok. TG2).

lIli cio nonostante il-bank attur alloka l-meggor parti tal-fondi indikati f'1. u 2. ghal balloon payments illi kellhom ikunu dovuti fil-25 ta'Jannar 2015 (ara Exhibit 3), minflok ma alloka l-fondi ghad-dejn principali. (Exhibit 3 hija hawn annessa)

Infatti gew allokati ghal balloon payments ftit inqas minn USD 2,000,000 Ibid Exhibit 3, ammont li suppost kien pagabbli f'Jannar tas-sena 2015.

lIli konsegwentement id-dejn principali deher li ma tnaqqasx fuq il-kotba tal-bank, u l-istess bank, minn rajh, rega' hareg Notice of Default kontra Machiko Carrier Inc. Mhux hekk biss, iddikjara unilateralment acceleration of loan illi bih l-ammont kollu moghti fil-loan facility sar dovut b'mod immedjat.

II-Qorti rat Dok. NV1 email illi l-bank subbastanti hareg bejn is-seduti quddiem din il-Qorti fl-10 ta' Gunju, 2013. Din il-Qorti hija sorpriza bid-dikjarazzjoni tal-bank subbastant kontenuta fid-Dok. NV1 li donnha turi illi l-bank kellu bzonn il-permess ta' Zealand Holdings biex jalloka l-fondi tal-M.V. Everest meta jidher car daqs il-kristall minn Exhibit 3, illi dawn il-fondi kienu diga allokati sa mill-5 ta' Dicembru 2012 ghal future balloon payments li kienu jaghlqu f'Jannar 2015: ..... "

3. Illi wara li l-bank rikorrent arresta l-bastiment m.t. Pacific Future b'mod abbuziv u illegali u talab il-bejgh bis-subbasta tal-istess bastiment u wara li din l-Onorabbli Qorti ordnat it-twaqqif tal-istess subbasta, il-bank rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti permezz ta' rikors "sabiex joghgobha tordna li fi zmien qasir u perentorju s-sidien tal-bastiment jindikaw kif huma behsibhom b'mod effettiv jiehdu hsieb il-bastiment b'mod effettiv jiehdu hsieb il-bastiment kif ukoll l-ekwipagg tieghu u tordna ukoll illi s-sidien tal-bastiment Machiko Carrier Inc. jiddepozitaw

ammont jew alternattivament jaghtu garanzija illi din il-Qorti jidhrilha xierqa sabiex tkopri l-ispejjez futuri ghaz-zamma tal-bastiment fi stat ta' Seaworthiness kif ukoll ghal provizjonijiet tal-ekwipagg abbord il-bastiment, filwaqt li taghti dawk l-ordnijiet u direzzjonijiet ohra li jidhrilha xierqa u opportuni". Din l-Onorabbli Qorti cahdet it-talba tal-bank rikorrent bid-digriet taghha tat-8 ta' Lulju 2013.

4. Illi huwa evidenti mill-fatti fuq esposti li l-bank rikorrent ma kienx gustifikat fit-talbiet tieghu ghal bejgh bis-subbasta tal-bastiment u gjaladarba l-Qorti irrikonoxxiet dan il-fatt, l-istess bank issa qed jittanta jerga' jbiegh l-istess bastiment billi hallas l-ammont dovut lill-ekwipagg meta kien l-istess bank li kkreja dan id-debitu bl-azzjoni ingusta tieghu fil-konfront tas-sidien tal-bastiment. Fil-fatt il-bank hallas lill-ekwipagg mill-flus stess tas-sidien tal-bastiment li ghandu fil-pussess tieghu u allura akkwista is-surroga tal-ekwipagg bl-istess flus tas-sidien tal-bastiment.

Din l-Onorabbli Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni l-agir abbuziv u illegali tal-bank rikorrent meta tqis it-talba odjerna tal-istess bank. Din it-talba tal-bank ma tista' qatt tintlaqa' stante li hija naxxenti minn azzjoni abbuziva u illegali tal-istess bank li din l-Onorabbli Qorti diga irrikonoxxiet bid-digriet taghha fuq citat u l-bank ma jistax issa jiehu vantagg minn din l-azzjoni sabiex tramite l-kreditu krejat minnu u minhabba l-azzjoni tieghu jasal ghall-iskop ahhari tieghu, dak li jbiegh il-bastiment a skapitu tas-sidien u tal-kredituri l-ohra kollha. Multo magis meta l-prezz offrut huwa hafna anqas mill-valur veru tal-bastiment.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob sabiex din l-Onorabbli Qorti tichad bl-ispejjez it-talbiet tar-rikorrenti dwar il-bejgh privat tal-bastiment m.v. Pacific Future lis-socjeta estera MFH.

Rat l-atti, semghet ix-xhieda u rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-vertenza thalliet ghal provvediment.

**Ikkunsidrat**

Il-bank attur qed jipprivalixxi ruhu mill-artikolu 358 tal-Kap. 12 biex il-Qorti tapprova bejgh privat tal-vapur intimat. L-elementi necessarji biex rikorrenti jutilizza dan il-provvediment tal-ligi huma:
1. Titolu ezekuttiv favur il-kreditur cioe l-bejjigh kontra d-debitur;
2. Abbozz ta' ftehim ta' bejgh ma' kumpratur identifikat bi prezz pattwit;
3. Zewg valutazzjonijiet indipendenti maghmula mill-bejjiegh dwar il-valur tal-vapur;
4. Prova mill-bejjiegh illi l-bejgh hu fl-interess tal-kredituri maghrufa u l-prezz hu ragonevoli fic-cirkostanzi.

**Titolu ezekuttiv**

It-titolu ezekuttiv li wassal ghal dan ir-rikors jinsorgi minn kreditu favur il-kaptan u membri tal-ekwipagg tal-vapur intimat, liema kreditu ammontanti ghal €353,740.43 gie kannonizzat b'sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Gunju 2013 (fol. 5 tal-process) liema sentenza ma gietx appellata. Sussegwentement il-bank rikorrenti gie surrogat fid-drittijiet tal-kredituri msemmija wara li hallas hu l-ammont dovut tal-kaptan u ekwipagg u b'hekk dahal fiz-zarbun taghhom bhala kreditur tal-vapur (ara ricevuta ta' hlas u surroga a fol. 9 et seq. tal-process), u dan in linea mal-artikolu 1165 tal-Kap. 16 dwar is-surroga.

Skond il-ligi ghalhekk il-bank rikorrenti issodisfa l-ewwel kriterji tat-titolu kontra l-vapur.

Il-vapur intimat pero ressaq eccezzjoni dwar dan it-titolu. Qed isostni illi l-bank kreditur b'mod abusiv u illegali gab lil vapur fil-pozizzjoni li ma jistghux ihallsu u rriferew ghal atti tas-subbasta 14/2013 inizjati mill-bank kontra l-vapur ghal kreditu li l-istess bank kellu mal-vapur jew is-sidien tieghu liema subbasta giet sospiza mill-Qorti diversament preseduta b'digriet taghha tal-11 ta' Gunju 2013. Ir-raguni li nghatat mill-Qorti kienet tirrigwarda l-allokazzjoni ta' fondi mibghuta mis-sidien tal-vapur, wara li bieghet vapuri

ohra proprjeta taghha, ghal ’balloon payments’ dovuti fl-2015 flok allokathom ghal-pagament tad-dejn prinicipali gia dovut u b’hekk sid il-vapur odjern gie f’pozizzjoni li ma jistax ihallas id-dejn. Is-sospensjoni saret pendenti l-kawza li l-istess sidien tal-vapur Machiko Carrier Incorporated fethu kontra l-bank.

Il-Qorti qieset din il-kwistjoni u tirrileva illi s-sospenzjoni tas-subbasta hu digriet bazat fuq provi prima facie quddiem il-Qorti investita biex tistharreg jekk subbasta ghandhiex tigi sospiza jew le. Ma tikkreja ebda dritt favur jew kontra l-partijiet izda biss tissospendi proceduri ta’ bejgh furzat pendenti azzjoni fil-mertu kif qed isir.

Kwindi hi l-fehma tal-Qorti illi l-atti tas-subbasta u l-kawza pendenti ma jikkrejaw ebda dritt jew rabta favur il-vapur intimat sakemm dan ma jikkostitwix l-istess mertu li din il-Qorti ghandha quddiemha llum. Pero l-mertu quddiemha llum mhux il-kreditu tal-bank fil-konfront tal-vapur jew is-sidien tieghu mertu tal-atti tas-subbasta u l-kawza fuq l-istess mertu cioe d-dejn tas-sidien tal-vapur mal-bank. Il-kreditu vvantat mill-bank fil-proceduri odjerni gej minn surroga fid-drittijiet li johorgu minn titolu ezekuttiv tal-kaptan u ekwipagg tal-vapur fil-konfront tal-istess vapur. Dan hu kreditu distint u li l-istess vapur ma kkontestax fil-kawza mressqa mill-istess kaptan u ekwipagg deciza minn din il-Qorti fis-27 ta’ Gunju 2013.

Hu minnu illi l-vapur qed jghaqqad l-inadempjanza tieghu tal-obbligu versu l-ekwipagg tal-vapur mal-azzjonijiet allegatament illegali u abusivi tal-bank fl-allokazzjoni ta’ hlasijiet maghmula mis-sidien tal-vapur lil bank. Pero bir-rispett lejn is-sidien tal-vapur, l-obbligu tal-hlas tal-ekwipagg ma jidhirx li kienet ir-responsabilta tal-bank fl-arrangamenti li seta’ kien hemm dwar is-self bejn il-bank u sidien il-vapur. Ma saret ebda prova dwar din minn sidien il-vapur li juru li l-bank naqas fil-konfront tal-ekwipagg tal-vapur, u b’malizja uza dawk il-proceduri biex jikkapparra titolu ezekuttiv. It-titolu ezekuttiv tal-ekwipagg kien wiehed legittimu li ghalih kien jirrispondi fil-htija l-vapur biss. Kwindi s-surroga favur il-bank tad-drittijiet tal-ekwipagg fil-konfront tal-vapur ma jistax jinghad li gew imtabba b’agir

abusiv, illegali jew frawdolenti kif qed jallega l-vapur intimat.

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-vapur fuq din il-kwistjoni hi infondata u qed tigi michuda.

Il-vapur intimat ressaq sottomissjonijiet ta' natura ta' eccezzjonijiet preliminari li ma jirrizultawx li qatt tqajmu minnu la fir-risposti ghar-rikors promotur u anqas fil-mori tal-proceduri u kwindi strettament din il-Qorti mhix marbuta li tikkonsidrahom billi ma tqajmux fiz-zmien li ghandhom jitqajmu u ma nghatatx opportunita lil parti l-ohra li tirrispondi ghalihom.

Madankollu l-Qorti ser tirreferi ghalihom fil-qosor ghal kompletezza.

Kuntrarjament ghal dak allegat mill-vapur intimat fl-ewwel sottomissjoni preliminari, l-artikolu 358 tal-Kap. 12 ma jesigix, kif qed jissottometti l-vapur intimat, illi l-kredituri kollha jridu jaghmlu rikors ghal bejgh privat. Dan ma johrogx mill-ligi u l-kelma 'kull kreditur' tirreferi ezatt ghal dak li jghid it-test Ingliz tal-istess artikolu 'any creditor'. Kwindi din is-sottomissjoni kienet tisfjora l-frivolu.

It-tieni sottomissjoni preliminari wkoll ma fihiex mertu. Il-bank rikorrenti agixxa f'ismu ghax fil-mument li ntavola l-proceduri kien il-kreditur li lilu mess id-dritt ghal kreditu li kellha l-ekwipagg fil-konfront tal-vapur. Hu minnu illi dan ma jissemiex fl-okkju izda l-premessi u l-provi dokumentarji esebiti juru illi d-dritt ta' azzjoni tal-bank twieled minn kreditu tal-ekwipagg tal-vapur, liema kreditu, res ezekuttiv b'sentenza ta' din il-Qorti, gie moghti lil bank ope legis wara li l-bank hallas hu l-ammont kollu dovut mill-vapur lil ekwipagg naxxenti mill-imsemmija sentenza, u gie surrogat fid-drittijiet kollha tal-ekwipagg qua kreditur naxxenti mill-imsemmija sentenza. Din hi surroga li tohrog mill-ligi u l-bank kellu dritt jagixxi f'ismu billi l-kreditu ezekuttiv sar ighajjat lilu fil-konfront tal-vapur. Il-vapur la qed jattakka t-titolu u anqas is-surroga izda li l-okkju ma jirrispekkjax is-surroga. Ir-rikors promotur pero jaghti d-dettalji kollha tas-surroga u d-drittijiet ezistenti li waslu

ghal tali surroga u din il-Qorti ma tqis li l-kwalifika fl-okkju ta’ isem ir-rikorrent ’kif surrogat’ hi necessarja ad validitatem’ ghar rikors kif del resto qatt ma tqajjem mill-istess vapur intimat. Ghalkemm il-vapur intimat ikkwota sentenzi li jghidu li l-okkju jrid jirrifletti s-surroga, din il-Qorti tqis illi dan il-formalizmu llum ma ghadux necessarju sakemm mill-atti jirrizulta d-dritt li bih qed jagixxi r-rikorrenti, u illi dak id-dritt jikkreja l-legittimata u l-interess guridiku fil-konfront tal-intimat.

Fil-mertu l-vapur intimat ukoll jattakka d-dritt tal-bank naxxenti mis-surroga billi jissottometti illi r-rikors odjern joltrepassa d-drittijiet naxxenti mis-surroga. Il-Qorti tqis li d-dritt naxxetti mis-surroga hu dak li jipprovdi l-artikolu 1165(1)(a). Il-kreditur il-gdid dahal fiz-zarbun tal-kreditur il-qadim, ghal kreditu b’titolu ezekuttiv dovut lill-istess ekwipagg. Kif l-ekwipagg kellu kull dritt jesigi l-hlas ai termini tal-artikolu 358 tal-Kap. 12, ghandu l-istess drittijiet il-bank f’dawn il-proceduri, basta li jissodisfa l-elementi rikjesti fl-artikolu 358 et seq. tal-Kap. 12 ghal bejgh tal-vapur, biex mir-rikavat ikun jista’ jithallas il-kreditu dovut lilu u semmai kredituri ohra li jista’ jkollhom interess. Ir-referenza li saret mill-vapur fis-sottomissjonijiet tieghu illi dan il-bejgh qed isir biex il-bank jonora l-obbligu li kellu fil-ftehim privat mal-akkwirent prospettiv tal-vapur hu res inter alios acta ghal vapur debitur, billi l-artikolu 358 tal-Kap. 12 jaghmilha kundizzjoni ghal kreditur li ghandu titolu ezekuttiv li jmexxi b’dawn il-proceduri li fost l-elementi rikjesti bl-istess artikolu irid jipprovdi ftehim preliminari tal-bejgh tal-vapur, li ovvjament ser ikun subordinat ghall-approvazzjoni tal-Qorti.

Ghalhekk anki f’din is-sottomissjoni l-vapur intimat ma ghandux ragun.

**Il-bejgh tal-vapur**

Il-bank rikorrenti irid issa l-ewwel jaghti zewg stejjem indipendenti tal-valur tal-vapur, u juri li hemm ftehim ta’ bejgh ma’ xerrej identifikat bi prezz car.

Il-bank rikorrenti pprovda zewg stejjem wahda datata 17 ta' Settembru 2013 mahruga mid-ditta ta' brokers and appraisers C. W. Kellock fejn il-vapur gie valutat USD4,500,000 u ohra tad-ditta RG Hagland Shipbrokers datata 13 ta' Settembru 2013 fejn il-vapur gie valutat bejn USD4,500,000 u USD5,000,000. Iz-zewg valutazzjonijiet huma biss opinjonijiet bla ghoti ta' garanzija fuq l-akkuratezza taghhom. Filwaqt li l-ewwel valutazzjoni giet bazata fuq il-premessi li l-vapur kien f'kundizzjoni tajba, b'certifikati validi inkluz dik tal-'klassi' tieghu u 'freely transferable', it-tieni valutazzjoni tghid li ma saret ebda spezzjoni tal-vapur (dawn il-valutazzjonijiet jinsabu a fol. 15 u 16 tal-process).

Gie esebit ukoll memorandum of agreement bejn il-bank kreditur u s-socjeta MFH tal-Qatar dwar l-akkwist tal-vapur ghal prezz ta' USD4,550,000 u fejn il-bank qed ibiegh il-vapur tale quale minghajr ebda responsabilta ghall-istat tieghu u illi l-merkanzija abbord il-vapur trid tigi trasportata mill-kumpratur, u illi l-istess ammont ta' bunkers ezistenti meta l-vapur gie arrestat ikunu fuq il-vapur fil-mument tal-bejgh.

Il-vapur intimat jopponi ghal bejgh tal-vapur bil-prezz indikat ghaliex:
1. Il-prezz ma jirriflettix il-valur tal-vapur fis-suq jew l-istimi li nhargu u accettati mill-bank;
2. Il-valur irid jizdied bis-somma ta' USD220,000 valur tal-bunders li jinsabu abbord il-bastiment.

In sostenn tal-valur li kellu jirrifletti realment il-vapur, il-vapur intimat esebixxa zewg stimi tal-istess ditti esebiti mir-rikorrenti pero datati 3 ta' Dicembru 2012 mahruga minn C.W. Kellock fejn il-valur li nghata kien USD6,750,000, u ohra maghmula minn RG Hagland data 30 ta' Novembru 2012 fejn il-valur gie dikjarat bhala bejn USD8,000,000 u 8,500,000.

Hu l-obbligu tar-rikorrenti li juru li l-prezz konvenut ghal bejgh tal-bastiment hu a beneficju tal-kredituri maghrufa u illi hu ragonevoli fic-cirkostanzi. Dawn iz-zewg kundizzjonijiet jimxu id f'id billi jekk il-prezz tal-bejgh hu

wiehed ragonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz hu wisq probabbli illi l-kredituri kollha ser javvantaggjaw ruhhom minn tali bejgh inkluz il-kreditur ezekutant. Ma ngibux provi dwar il-pozizzjoni ta’ kredituri ohra fil-konfront tal-bejgh ghalkemm gew notifikati pero ma dehrux fis-seduti, pero saru provi kopjuzi mill-bank u l-vapur debitur dwar ir-ragonevolezza tal-prezz tal-bejgh.

Harsa prima facie lejn l-istimi maghruga mill-istess ditti f’perjodu ta’ ghaxar xhur juru diskrepanza qawwija mhux facilment rikonciljabbli u ghalhekk il-Qorti talbet lil partijiet sabiex jipprezentaw provi teknici dwar il-prezz fis-suq ta’ vapuri simili u dan in partikolari. Il-Qorti hi ben konsapevoli li provi li jitfghu piz fuq il-gudizzju huma dawk ta’ natura teknika li jsostnu stima ghal vapur. Il-Qorti hi konsapevoli wkoll li stima hi bbazata kemm fuq kriterji oggettivi cioe fatti accertati dwar l-oggett li tieghu qed issir stima u apprezzament soggettiv dwar kif dawk il-fatti ser jirriflettu fuq il-valur tal-oggett mehud ukoll in konsiderazzjoni elementi xi ftit jew wisq intangibbli bhal dak tas-suq u akkwirenti possibbli fiz-zmien tal-bejgh propost.

Dan hu l-ezercizzju li l-Qorti trid taghmel mill-provi prodotti biex tasal ghal konkluzjoni jekk il-bejgh jissodisfax dak li trid il-ligi. Il-Qorti zzid illi ghalkemm id-debitur ma jissemmiex fl-artikoli relevanti tal-ligi pero l-bejgh ukoll irid isir b’majiera li d-debitur jistema’ mill-Qorti u jinghata l-opportunita li juri kif il-valur tal-oggett li qed jigi spossessat minnu hu ragonevoli kif trid il-ligi.

Il-vapur tella’ bhala espert tieghu lil inginier Paul Cardona li nnota d-diskrepanzi fil-valutazzjonijiet mressqa mir-rikorrenti u wara li pprezenta lista ta’ vapuri simili ghal dan in kwistjoni li nbieghu recentement u fejn il-valur kien qed jizdied b’mod sostenut ghal dan it-tip ta’ vapur, qies li l-prezz medju ta’ dawn il-vapuri hu bejn USD7,100,000 u USD8,000,000. Zied li l-prezz ta’ sister ship tal-istess Pacific Future nbiegh b’bejgh furzat ghal prezz ta’ USD7,250,000 u l-valur tal-vapur in kwistjoni ghalhekk kellu jkun ta’ circa USD7,500,000 billi l-bejgh hu wiehed konvenut mhux furzat. Fuq din il-kwistjoni hemm nuqqas

ta’ kjarezza billi hu sostnut mir-rikorrenti illi s-sister ship Clipper Faith inbiegh USD6,5000,000.

Irraviza pero illi c-certification tal-vapur kien ghalaq, kellu merkanzija fuqu li riedet titwassal ghand id-destinatarju fl-Ukraina u kellu xi tiswijiet li jsiru fosthom ’cleaning and painting of outer hull, shaft withdrawal and survey, li jfisser drydocking ghal 15-il jum u dan biex jinhareg ic-certification tal-vapur. Qali li l-ispiza ghal dan kollu kienet tammonta ghal circa USD1,027,000 sa USD1,200,000 li jaghmel il-valur nett tal-vapur circa USD6,000,000 sa USD6,470,000. Fil-kontroezami zied illi biex wasal ghall-istima tat-tiswijiet ha in konsiderazjoni l-condition report maghmul minn espert Grieg li jinsab fl-atti. Zied ukoll li l-akbar xoghol hu fuq il-hatches li fihom leakages u l-coating tad-double bottom li falla pero billi vapur ta’ din il-kwalita ghandu hamsa u ghoxrin sena hajja u gia ghaddew hmistax mhux prattikabbli li jsir xoghol magguri fid-double bottom izda biss li jsir manutenzjoni u xorta jibqa’ seaworthy. Qal li hu ra l-vapur minn barra biss.

Is-socjeta rikorrenti ipprezentat affidavit ulterjuri spjegattivi tal-istimi maghmula mis-socjetajiet valutatrici. Paul Wilcox in rapprezentanza ta’ C.W. Kellock spjega fl-affidavit tad-9 ta’ Ottubru 2013 illi d-differenza fil-valur bejn iz-zewg stimi maghmula mis-socjeta hi dovuta ghal fatt illi bejn l-ewwel u t-tieni stima, il-vapur safa’ arrestat, bla classification u ghandu merkanzija soggetta ghal charter commitment. Hemm ukoll stima minn kumpraturi potenzjali ta’ riparazzjonijiet fuq il-vapur ammontanti ghal circa USD2,000,000. Zied li s-sister ship inbiegh ghal prezz akbar minn dan propost peress li ma kellux dawn il-problemi elenkati. Hu elenka bejgh ta’ vapuri ohra f’cirkostanzi ta’ diffikulta fejn il-prezz kien vicin dak li stima cioe USD4,500,000.

L-affidavit ta’ Bjorn Kyvik tas-7 ta’ Ottubru 2013 f’isem RG Hagland jispjega illi l-valur inizjali minnhom maghmul kien jirrifletti bejgh f’cirkostanzi normali pero dan il-valur kellu jigi ridimensjonat minhabba l-classification skadut tal-vapur, il-merkanzija abbord li kienet trid tittiehed fl-Ukraina u tenut kont ta’ condition report maghmul fl-24 ta’ Mejju

2013 li jindika x-xogholijiet necessarji biex irendu l-vapur up to standard liema xogholijiet mhumiex konklussivi peress illi l-cargo holds ma setghux jigu spezzjonati minhabba l-merkanzija.

Meta wiehed ihares lejn l-istimi tal-partijiet jidher car illi hemm divergenza dwar il-valur tal-vapur anki li kieku ma kienx hemm certi fatturi mhux mistennija jew previsti li sehhew din is-sena. In fatti C.W. Kellock kien ipprezenta stima fl-2012 ta' USD6,750,000, RG Hagland ta' bejn USD8,000,000 u USD8,500,000, u l-inginier Cardona ghamel stima ta' USD7,250,000. Jekk tiehu medja bejniethom il-valur hu ta' USD7,400,000. Ovvjament din mhix xi cifra minquxa fil-gebla u hu ezercizzju simplicistiku ta' valutazzjoni medja billi l-veru valur jiddependi minn varji fatturi cioe l-klima kummercjali, stabbilita tas-suq, supply and demand, fost ohrajn li jinbidlu b'velocita kbira meta tqis il-klima dinjija fejn jidhlu vapuri tal-merkanzija u opportunitajiet miftuhin ghal dawn l-intraprizi. Mhux bizzejjed li jkollok nies interessati fix-xiri izda kemm minnhom ikunu serjament interessati jixtru bi prezz realistiku. Iz-zewg partijiet ipprezentaw prezzijiet ta' bejgh ta' vapuri li jersqu lejn l-istimi minnhom stabbiliti pero ghalkemm dawn il-paraguni jghinu mhux bizzejjed biex jikkonvincu lil din il-Qorti billi kull kaz fih il-fattispecie tieghu.

Kif inghad dak li tikkomplika din il-vertenza huma c-cirkostanzi partikolari li nsorgew f'din is-sena. It-telf tac-certification tal-vapur li jirrendih unseaworthy jekk ma jergax jigi certifikat, il-kondizjoni tal-vapur biex ikun eligibbli ghal certification, u l-merkanzija abbord li trid tittiehed l-Ukraina. Rigward il-bunkers ta' circa €220,000 hemm xiehda konfliggenti dwar lil min jappartjeni cioe jekk humiex ta' terzi jew tas-sidien tal-vapur, u ghalhekk ma ngibitx prova jekk il-valur tal-bunkers jifformax ukoll parti mill-prezz tal-bejgh.

Fuq il-kwistjonijiet ta' natura teknika gie mqabbad Evangelos Karagiannis li hu ship superintendent u hu arkitett u inginier navali b'esperjenza kbira u twila f'dan ix-xoghol. Hu gie mqabbad mis-socjeta C.W. Kellock biex

jaghmel condition report tal-vapur f'Mejju 2013 fejn fix-xiehda tieghu jghid li l-ispezzjoni tieghu saret fuq erbat ijiem u ra l-vapur kollu. Hu qal fix-xiehda tieghu quddiem din il-Qorti illi l-akbar problemi tal-vapur huma n-nuqqas ta' certification, il-cargo holds u l-problemi deskritti bhala kbar fil-ballast tanks li ghandhom bzonn ta' sandblasting u riparati. Hu qal ukoll illi mhix bizzejjed li taghmlilhom zinc anodes ghal protezzjoni tal-vapur kif issugerixxa l-inginier Cardona izda l-ballast tanks iridu jigu wkoll sandblasted u riparati u mizbugha mill-gdid, apparti li jsirilhom iz-zinc anodes. Hi l-opinjoni tieghu illi dawn huma l-aghar kondizjoni ta' balast tanks li qatt ra u illi hu biss meta tibda tirripara johrog l-estent veru tal-hsara. Kunsidrati dawn il-kwistjonijonijiet l-espert kien tal-opinjoni illi x-xoghol involut u l-perjodu li fih il-vapur ikun fid-drydocks kien stmat li jiswa USD1,500,000 u maghhom iridu jizdiedu spejjez ta' certification, zebgha, spare parts u stores li jammontaw circa USD300,000 ohra. Ovvjament din l-istima hi wahda approssimativa.

Il-Qorti tqis illi kunsidrat li din hi l-unika veru opinjoni esperta dettaljata maghmula fuq verifiki fattwali tal-istat tal-vapur, ghandha tittiehed b'serjeta kbira. Din l-opinjoni ma giex meghluba b'opinjoni ohra aktar kredibbli. Anzi l-espert Malti prodott mill-vapur mexa fuq ir-rapport tal-espert Grieg u wasal ghal konkluzjonijet purament soggettivi bazati mhux fuq xenarju fattwali kif kostatat mill-espert Grieg.

Il-Qorti in oltre izzid illi aktar ma jghaddi zmien aktar ser tigri hsara lil vapur ghax kif qal l-istess espert Grieg il-ballast tanks huma vojta u n-nuqqas ta' tiswija ser tkompli taggrava s-sitwazzjoni. Dan in oltre jipperikola t-taghbija li trid tigi konsenjata, l-istat incert tas-suq volatali bhala ma hu tat-trasport bil-bahar u l-possibilita reali li ma jinstabx kumpratur lest jidhol ghal dawn ir-riskji aggunti tenut kont li llum il-vapur hu bla certifikazjoni.

Jekk wiehed ihares lejn il-valur tal-bejgh tas-sister ship Clipper Faith li fil-fehma tal-Qorti hu ta' USD 6,400,000 kif jirrizulta mill-atti u li hu l-aktar attendibbli bhala valur ta' vapur simili ghal dan in kwistjoni u mehud in

konsiderazzjoni li l-prezz approssimativ ghat-tiswija u certification tal-vapur Pacific Future hu ta’ circa USD1,800,000 igib il-valur fit-teorija tal-vapur Pacific Future ghal USD4,600,000.

Kif inghad hemm bahar x’jaqsam bejn dak li hu teorija u dak li hi realta. Li hu cert hu illi l-vapur qieghed f’qaghda xejn felici kemm bhala stat fiziku, u bla certification u b’taghbija li ghad trid titwassal fl-Ukrania u b’bunkers li jistghu jkunu proprjeta ta’ terzi abbord l-istess vapur. Gew esebiti mill-partijiet valuri ta’ vapuri mibjugha li huma oghla jew iktar baxxi mill-prezz konvenut fil-konvenju ta’ bejgh. Il-konvenju jistipula prezz ta’ USD4,550,000 li fic-cirkostanzi jista’ jkun mhux l-ahjar prezz li wiehed seta’ jgib ghal vapur. Pero l-Qorti tizen dan il-prezz ma’ xenarju fejn l-istat tal-vapur jkompli jiddeterjora, bla certification, il-merkanzija tibqa fuq il-vapur, bejgh forzat b’subbasta li hu sospiz minhabba kawza ohra bejn il-partijiet involuti f’din it-talba, u fejn ma ingiebitx prova li hemm kumpratur iehor interessat bi prezz ahjar ta’ xiri. Il-ligi ma timponix fuq il-kreditur li l-prezz ghandu jkun l-ahjar wiehed izda li jkun ragonevoli fic-cirkostanzi. Din taghti certa diskrezzjoni lil Qorti li tevalwa hi dawn ic-cirkostanzi. F’dan il-kaz il-Qorti tqis illi l-prezz hu ragonevoli u aktar dewmien bil-vapur maqbud u bil-problemi li fih ser jippregudikaw anki dan il-bejgh. Il-Qorti tqis li r-riskju li jinzamm il-bejgh ghax forsi jinstab kumpratur lest joffri xi nofs miljun dollaru aktar hu kbir wisq komparat ma’ bejgh bil-prezz garantit offrut u l-incertezzi kollha ta’ dak li jista’ johrog mit-tiswija tal-vapur u fejn l-oneru tat-trasport tal-merkanzija jintefa’ fuq ix-xerrej prospettiv.

Ghalhekk il-Qorti meta kkunsidrat dan kollu tasal ghal konkluzjoni li l-bank rikorrenti issodisfa r-rekwiziti tal-ligi u kwindi l-bejgh ghandu jigi approvat.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tordna l-bejgh privat tal-bastiment MT Pacific Future bil-prezz ta’ USD4,550,000 ekwivalenti ghal tlett miljuni, erba' mija u sebat elef u seba' mija u disgha u

ghoxrin euro u tmintax-il centezmu (€3,407,729.18), skond it-termini u kondizzjonijiet stipulati fil-Memorandum of Agreement datat 17 ta' Settembru 2013, li hu esebit fl-atti liema bejgh ghandu jaghti lix-xerrej titolu mhux aggravat minn kull privilegg jew piz ai termini tal-artikolu 364 tal-Kap. 12, b'dan illi din id-decizjoni ma jkollha ebda effett jekk il-ftehim ta' bejgh ma jigix konkluz entro tlett gimghat millum, tenut kont tal-fatt illi ma gie provdut ebda estensjoni tal-ftehim preliminari li kien jiskadi fis-17 ta' Novembru 2013.

Ghal fini tat-tieni talba jekk isir il-kuntratt fiz-zmien stabbilit mill-Qorti tahtar lil avukat Dr. Kris Borg sabiex ai termini tal-artikolu 362 tal-Kap. 12 ikun intitolat jitrasferixxi l-bastiment skond il-kondizzjonijiet fuq imsemmija fil-Memorandum of Agreement tas-17 ta' Settembru 2013, bhallikieku kien is-sid registrat tieghu bl-effetti kollha stipulati senjatament dawk tal-artikoli 363 u 364 tal-Kap. 12.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------